MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

13 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-Perit Schembri kien għadu ma daħalx.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

43.1.1 Is-Sindku qal li ma kienx ittri ta' apoloġiji.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

43.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 42 ġew approvati.

## 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex jitkellem il-Perit Dieter Falzon fuq *deadline* li kien hemm ta' applikazzjoni fuq żvilupp massiċċ fiż-żona fejn kien hemm il-Flower Power.

Il-Perit Giorgio Schembri daħal f'dan il-mument 5.32pm

43.3.1 ***Multi-Purpose Sports Village***

Beda billi qal li dan l-iżvilupp jikkonsisti fi Sports Village hu li l-pjanta li kienet qed tidher fuq l-iscreen tgħid kollox: *Sports Hotel*, *various sports disiplines, footbal, tennis, swimming pool and a complete sports village.* Għalkemm bħalha żona hi ODZ, din tista' però tikkontribwixxi fejn jidħlu attivitajiet sportivi. Qal li bħalha Kunsill tefà notifika l-Awtorità tal-Ippjanar bħalha *interested party* sakemm jiddeċiedi il-Kunsill, li l-ERA saqsew għall-iktar informazzjoni imma jidher li bħalha *zoning* huma kontra l-proġett, l-SEH talbu iktar informazzjoni imma jippreokkupahom id-daqs tal-proġett u hemm oġġezzjonijiet oħrajn. Kompla jgħid li l-proġett jidher ċar għalxiex hu intiż imma talab lill-Kunsill isaqsuh domandi li jridu.

Is-Sur Victor Galea saqsa x'inhu il-każ tal-parkeġġ, jekk hux se jsir parkeġġ ieħor taħt u jekk hux ħa jinżlu l-isfel minħabba l viċin għaddejja l-mina tal-Enemalta biex ma jinħoloqx inkonvenjent lir-residenti ta' Ħ'Attard. Il-Perit Falzon qal li parkeġġ se jkun hemm u spjega minn fejn u press appoco kemm se jkun hemm fuq u taħt. Qal li riferenza għat-*tunnel* m'hemmx sa issa. Is-Sur Galea qal li xorta jħoss li mhux biżżejjed, li waqt li l-attivitajiet ikunu għaddejjin ma jixtieqx jara karozzi fi Triq il-Gradilja u Triq il-Pitkali għalhekk il-Kunsill għandu jitlob għal sular addizzjonali.

Is-Sur Cordina qal li l-Perit qiegħed hemm biex jispjega u wara li hu jirrispondi l-kulħadd huma jiddiskutu u jgħaddu n-notamenti lill-Perit. Il-Perit Falzon qal dan il-proġett s'issa qed jaħseb għall-parkeġġ ta' 100 karozza issa jekk il-Kunsill jaħseb li dan mhux biżżejjed filkaż iressaq dan quddiem il-Bord tal-Ippjanar.

Is-Sur Alex Mangion saqsa jekk waqt li l-proġett ikun għaddej hux se jingħalqu xi toroq u jekk hemmx xi mod li jittaffa t-traffiku li se jiġi ġġenerat mill-proġett? Is-Sur Cordina qal li l-Perit ma jidħolx fil-mertu ta' għeluq ta' toroq. Il-Perit qal li dan it-tip ta' proġetti dejjem jitolbu EIA

(Enviromental Impact Assessment) u TIA (Traffic Impact Assessment) u jieħdu ħames snin bħalha żmien biex jitlestew. Hu qal li f'dak il-każ issir kundizzjoni li kif jinbeda l-proġett il-Kunsill irid ikun ikkuntatjat.

Il-Perit Falzon qal li dan hu proġett Nazzjonali u meta persuna tinvesti b'dan il-mod irid ikollha garanzija ta' entrojtu. Hu kompla jgħid li iktar importanti hu il-mod kif jiġi mmaniġġjat it-traffiku u mhux l-ammont ġenerat. Per eżemplu kundizzjoni oħra fil-permess tista' tkun li jrid ikun hemm *upgrade* tat-toroq tal-madwar. Barra minn hekk se jkun hemm kontribuzzjoni qawwija bħalha DPF lill-Kunsill jekk dan il-proġett isir.

Il-Perit Schembri saqsa x'ħa jieħu minnu dal-proġett in-nies ta' Ħ'Attard? Il-Perit Falzon qal li dak li ħa jibbenefikaw minnu n-nies ta' Ħ'Attard u li qed jara minn proġetti oħra fuq skala iżgħar hi l-kontribuzzjoni fid-DPF. Il-Kunsill irid jinnegozzja pakkett fejn isir *upgrade* tal-area tal-madwar, wieħed jara li jsir maniġġjar ta' traffiku sewwa imma l-bqija jekk il-Perit Schembri ra l-pjanti jista' jimmaġina x'inhu pjanat. Qal li l-area vera ODZ imma *z-zoning* hemmhekk qiegħed *sports escluding motor sports* u li xorta jħoss li dan il-proġett se jiġi approvat. Il-Perit Schembri qal li l-Hotel huwa żejjed u li m'hemmx bżonnu meta Malta mimlija Hotels u mhijiex parti mill-isports. Jekk wieħed joqgħod sejjer hekk jista' jaqbad il-UCA u l-ODZ's u jagħmluhom kollha *sports village*.

Il-Perit Schembri qal li bil-bini kollu qas ħa jibqa' distinzjoni bejn Ħ'Attard u l-Mosta għax il-*green zone* ħa tiġi mibnija kollha. Iktar minn hekk ħa nnaqsu l-għelieqi u fejn imur l-ilma. Hu qal li jew itir il-Hotel minn hemm jew inkella tiġi *filed an objection.* Il-Perit Falzon qal li jekk wieħed jara l-pjanti fid-dettal tal-Hotel li ġew sottomessi id-disinn u l-akkomodazzjoni huma differenti minn Hotels oħra. Hu propona li jgħaddi kollox lill-Perit Schembri u minn hemm il-Kunsill jara sew jekk jitneħħiex il-Hotel jew jitnaqqaslu l-*iscale.*

Is-Sur Cordina propona li l-Perit jibgħat il-pjanti, il-Kunsill jiddiskuti u jitniżżlu l-punti l-kollha u wara jerġgħu jikkomunikaw miegħu. Saqsa jekk il-Kunsilliera għandhomx iktar mistoqsijiet biex fil-każ jiddiskutu internament.

Tkomplew il-mistoqsijiet fejn minn l-Avukat Brincat fejn ġie konfermat lilu li l-art hi ODZ u saqsa jekk l-art hijiex fabbrikabbli, tistax tinħadem? L-Perit Falzon qal li tista' tinħadem minn daqqa t'għajn li ta parti iva u parti le imma mhux daqshekk li hi *prime agriculturally commercial.* Hu rega' saqsa minn fejn wasal għal din il-konklużjoni? Il-Perit Falzon qal li ovvjament wieħed irid jiċċertifika it-tip ta' ħamrija imma jidher li l-kwalità ta' ħamrija tgħaddi għall-bidwi *part time* imma mhux *full time* biex jagħmel qliegħ minnha.

L-Avukat Caruana saqsiet għaliex il-Perit jaħseb li ħa jgħaddi? Il-Perit qal li dan hu proġett nazzjonali li jekk il-Gvern jiddeċiedi li dan ħa jpoġġi l-Malta fuq il-mappa sportiva għalkemm hemm min għandu għall-qalbu l-ambjent, l-Ekonomija tal-Pajjiż tipprevali. Il-Perit qal li fl-aħħar ġimgħat kien hemm tibdil anke mill-Gvern Ċentrali fejn fondi li ma ntużawx fit-toroq marru għall-proġetti favur l-ambjent. Xorta jibqa' l-fatt li jekk dan mill-lat tekniku jinbidlu l-pjanti għax fl-opinjoni tiegħu huwa kemmxejn *overdeveloped*, xorta hemm ċans kbir li jgħaddi. Il-Perit qal li proġetti kbar bħal dan ra, fejn jipproġettaw hotel ta' 300 imma b'150 jgħaddu, fejn pjanti jiġu mibdula kemm il-darba sakemm il-proġett jgħaddi *through*.

Is-Sur John Bonnici qal li 55sena ilu kien jaħdem hemm u l-*area* jafha sew. Hu qal li qabel il-Flower Power kien hemm kumpanija Spars Malta Limited li kellha ħafna serrer u r-raġuni wara t-tismija ta' Triq Durumblat huwa l-fatt li f'dik l-*area* hemm ħafna blat fil-wiċċ u għalhekk diffiċli tinħadem għall-fini ta' Agrikoltura. Infatti kompla jgħid li fejn ma kienx jinħadem serrer kien hemm. Rigward il-Hotel qal li dan mhux sa jkun għal dawk in-nies bħalu u bħalhom imma għall-atleti li jiġu minn barra biex jieħdu sehem f'xi attività. Finalment l-interess tan-nies ta' Ħ'Attard iridu jaraw.

Il-Perit qal li fuq il-Hotel ma jaqbilx miegħu għax kif ġara bil-*gym* f'Ta Qali l-ewwel beda għall-atleti u spiċċa *open for all.*

Il-Perit Schembri saqsa kif ħa jimxu l-quddiem? Il-Perti qal li huma reġistrati bħalha *interested party with the right to make further representations* se jara mal-PA x'se jitfgħu iktar, jikkomunika mal-Kunsill u jiġbor l-idejat ta' kulħadd u minn hemm jikkumpila rapport. Hu qal li tista' ssir oġġezzjoni fi kwalunkwe fażi tal-applikazzjoni, jista' jkun hemm qbil mal-proġett imma mhux mal-qies tal-Hotel u ħa jkunu nfurmati l-ħin kollu.

Il-Perit ħalla l-laqgħa u l-Kunsill kompla jiddiskuti taħt Komunikazzjoni mis-Sindku.

Il-Perit Schembri qal li fil-fehma tiegħu, u dan hu *statement* personali, hu kontra l-proġett fl-intier tiegħu għax proġetti bħal dawn mhumiex a benefiċċju tan-nies ta' Ħ'Attard jew Mosta. Kompla jsostni li m'hemmx bżonn Hotels, retails shops ma jafx kemm il-wieħed u iktar blokkok li jekk jibqgħu sejrin hekk ħa jispiċċaw fil-baħar. Qal li din hi żona fiċ-Ċentru ta' Malta, parti mill-*green lung* u m'hemmx għalfejn jespandu iktar. Kieku kien żviluppat fi spazju liberu kulħadd igawdu minnu. Hu wera wkoll il-pre-okkupazjoni tiegħu li minn Sports Complex jiġi żviluppat mod ieħor kif ra diversi proġetti oħra tul is-snin. Ikkonkluda li din l-opinjoni tiegħu u mhux ħa jiċċaqlaq pulzier minnha.

L-Avukat Caruana qalet li hi għadha ma ffurmatx opinjoni fuq l-importanza ta' dan il-proġett għar-residenti ta' Ħ'Attard għalkemm konxja li r-raħal nieqes minn faċilitajiet sportivi. Li xtaqet iżżid kompliet hi li aktarx il-pjanti jinbidlu tul iż-żmien u eventwalment jiġi aċċettat. Hi qalet li hi tal-parir li wieħed jinnegozja l-aħjar pakkett fejn tittieħed inqas art u jkun hemm iktar spazji pubbliċi. Hi kompliet li ma taqbilx u lanqas hu għaqli wieħed jopponi għall-proġett imma li jiddiskutu u ġaladarba dan xorta se jkun approvat li wieħed jara l-aħjar fl-interess ta' kulħadd.

Is-Sur Cordina qal li kieku l-proġett ikun sportiv biss lanqas għandu oġġezjoni imma lanqas irid li l-froga ssir u li l-biża tiegħu hi li jkun hemm xi Ta' Qali ieħor. Għalkemm jifhem il-pożizzjoni tal-applikant li hu *businessman*, xtaq ifhiehem ukoll il-pożizzjoni tiegħu illum. Hu qal li jibża' li jiġri bħal ma ġara f'tal Badger Karting fejn il-bar kien għall-użu tal-isportivi biss u f'daqqa u l-waqt bdew jiġu organiżżati id-discos u jispiċċaw b'xi villaġġ ieħor bħal Ta' Qali mea culpa ħtija tiegħi. L-Avukat Caruana qalet li jistgħu isiru kundizzjonijiet li ma jsirux parties u discos. L-Avukat Brincat qal li qed tittieħed attitudni u qed jikkundizzjonaw irwieħhom li dan il-proġett qisu diġa' approvat. Qal li jekk ikun hemm biżżejjed oġġezzjoni u dan il-proġett mhux a benefiċċju tar-residenti jista' jitwaqqaf. Hu kompla jgħid li l-problema li ħa tinħoloq bl-inġenji ħa taffetwa rħula oħra. Hu qal li trid tiġi mħarsa r-rieda tar-residenti ta' Ħ'Attard u dik tal-

Maltin finalment u li jekk hu ta' benefiċċju jgħid iva imma jekk le ħa jibqa' jsostni li le. L-Avukat Brincat qal li jekk l-art hi fabbrikabbli din għandha tittieħed in konsiderazzjoni. Qal ukoll li għandu jsir rapport mill-Gvern Ċentrali fuq il-faċilitajiet sportivi biex ma jiġux idduplikati u triplikati biex l-ispekolatur jaqla' l-flus. Għalissa kkonkluda li din hi l-opinjoni tiegħu.

Is-Sur Alex Mangion qal li l-ideja in ġenerali hija tajba imma jinsab imħasseb fuq dak li qal l-Perit Falzon, fuq l-ODZ, fejn l-art qed tittiekel, l-ideja ta' *clubhouse* u hotel fihom ħafna *loopholes* u kemm jista' jkun ħa jiġbed lejn in-nies ta' Ħ'Attard. Qal li jekk isiru rapport jridu sew u jridu jkunu ikkonsultati.

Is-Sur Remigio Bartolo qal li huma kienu qablu fuq l-open spaces imma kif qed jiġi propost dan mhux sa jkun għall-pubbliku imma għal privat. Qal li se jiġri bħal meta jinbena Hotel ħdejn il-baħar, jittiehed ix-xatt u naqa' naqa' dan isir tal-privat. Hu jibża' li fit-tul ma jibqa' xejn tal-pubbliku u jittieħed Ta' Qali kollu.

Il-Perit Schembri qal li jekk isiru lista ta' kundizzjonijiet kif qalet l-Avukat Caruana, dan japplikalek għal permess alternattiv u dawk il-kundizzjonijiet jaqgħu. Jistgħu ukoll tul iż-żmien jinbidlu l-*policies* tal-PA, bil-mod il-mod jibdew jibnu struttura temporanja u wara jbiddlu l-istruttura f'waħda fissa. Qal li din hi l-minestra Maltija u li kieku kien xi proġett tal-Gvern Ċentrali jażżarda jibda u jibda jqasqas ftit, imma jipprova jaqbel, imma dan tal-privat u l-privat irid jagħmel qliegħ u mhux sostenibbli. Il-Hotel żejjed.

L-Avukat Caruana qalet li hi tara li r-residenti ta' Ħ'Attard se jkollhom faċilità sportiva viċin tagħhom u li proġett ta' din ix-xorta se jkollu impatt pożittiv, barra li jżid il-kummerċ u jiġu rranġati xi toroq ukoll. Hi tenniet li l-Hotel li hemm fil-viċin hija 5 star u mhux għal but ta' kulħadd. Hi qalet li fuq il-fatt li dan se jiġi approvat jista' jkun li proġett ta' dan il-kalibru jkollu ċertu mbuttaturi minħabba li jiġġenera l-kummerċ imma ma xtaqietx li jkunu fatalistiċi, kollox jista' jiġi limitat. Is-Sur Cordina qal li tkellem mill-esperjenza għax kull fejn kien hemm dawn it-tip ta' żviluppi spiċċaw mibdula f'postijiet ta' divertiment. Qal li hemm ukoll il-kwistjoni tat-traffiku li biex imorru f'dawn iż-żoni jridu jgħaddu minn Ħ'Attard. L-Avukat Caruana ikkonkludiet li dejjem se jkun hemm ċans li joġġezzjonaw u mill-mitluf jieħdu li jistgħu.

Is-Sinjura Scerri qalet li tinsab iddisgustata bil-proposti ta' dawn it-tip ta' proġetti u li mhux kulħadd għandu il-flus biex jiddeverti u li l-open spaces ifittxu biex joqgħodu mal-familja. Hi qalet ukoll li għad hemm is-serrer imma s-Sur Bonnici qal li ma fadal xejn għax il-Flower Power kienet kumpanija li falliet. Ikkonkludiet li din hija skuża oħra biex bil-flus jagħmlu li jridu u jkissru l-ambjent.

Is-Sur Victor Galea qal li fil-perjodu bejn meta falliet il-Flower Power u meta nħadem il-film, kienet ħarġet applikazzjoni biex jinbnew imħażen għall-Lufthansa Teknik li ma mmaterjalizżatx. Hu qal li l-proġett mhux kontrieh imma l-parkeġġ mhux biżżejjed. Punt kardinali ieħor kompla jgħid għandu jkun li ma jsirux attivitajiet ta' storbju u jekk isiru fil-11 ta' filgħaxija jrid jieqaf. Is-Sur Cordina qal li l-Golf Club għandu bar fejn wieħed jieħu kafe' imma filgħaxija għandu xi tip ta' permess li jista' jżomm *functions*. Gol-Marsa mhu jtellef lill-ħadd imma Ħ'Attard jekk dan jimmaterjalizża n-nies ħa jkunu ċirkundati bl-istorbju. Qal ukoll li fi Triq il-Ħarrub hemm residenti li għandhom saħansitra l-kmamar fejn jorqdu *sound proof* biex fis-Sajf jorqdu. Hu

tenna li favur l-isports imma mhux li jinħolqu dawn it-tip ta' attivitajiet. Eżempju ċar huwa l-Pama li qas tgħaddi minnu fil-weekends bil-konġestjoni ta' traffiku. Semma wkoll il-futbol klabb ġo Ħ'Attard stess li meta jkun hemm xi logħba tinħoloq konġestjoni ta' traffiku.

Is-Sur John Bonnici qal li l-ewwel iridu jaraw is-sottomissjonijiet u wara jgħidu jaqblu jew ma jaqblux u jiġbdu ħabel wieħed.

Is-Sur Schembri qal li fuq il-pjanti kif inhuma ma jaqbilx. Is-Sur Cordina qal li jista' jsir bħal ta' Dun Mikiel Xerri fejn baqgħu joġgezzjaw sakemm il-pjanti kienu a sodisfazzjon ta' dak li xtaqu huma. L-Avukat Caruana qalet li jrid isir rapport fuq dak li ntqal. Il-Perit Schembri qal li hemm il-parkeġġ, imma l-iktar il-bini massiċċ, il-kumpless u ħwienet, hemm bażi fuq x'hiex, hemm policies, id-DC2015, ir-*rural development,* li l-bini jkun speċifiku għall-isports*, l-entertainment* ikun għall-isportivi u mhux parties grandjużi. Ġie deċiz li jsiru punti mis-Segretarju Eżekuttiv, jiġu ċirkulati u jintbagħtu lill-Perit.

L-Avukat Caruana u s-Sur Alex Mangion ħallew il-laqgħa fis-6.44pm.

L-Avukat Brincat qal li ma jistax ikun li tibqa' tittieħed art fabbrikabbli. Hu kompla jgħid li jekk ma joġġezzjonawx qed jaċċettaw il-proġett in se u ma jistax ikun li jekk din l-art tista' tinħadem il-Malti jitlef l-opportunità li jkollu prodott Malti fi żmien propizju.

Is-Sur Bartolo qal li għandu osservazzjoni żgħira x'jagħmel li hi li huma preċedentament qablu li jsir rapport bl-emendi imma fuq in-naħa l-oħra l-Avukat Brincat mhux jaqbel li dawn l-emendi jsiru imma ssir oġgezzjoni mill-ewwel. L-Avukat kompla jsostni li ma jaqbilx kompletament u li l-pożizzjoni tal-Kunsill se tkun waħda dgħajfa jekk ħa jaċċetta l-proġett bil-kundizzjoni li jsiru l-emendi. Hu qal li in priċipju ma jabilx kompletament a kuntrarju tal-Perit Schembri mhux jaqbel mal-proġett imma mhux fuq din l-iskala. L-Avukat Brincat reġa' semma l-fatt li 50 sena oħra uliedna se jiġu ffaċċjati b'nuqqas ta' prodott Malti u li ma tistax tibqa' tittiekel biċċa art minn hemm u oħra minn hawn u din intqalet f'sentenza tal-Qorti mill-Imħallef Wenzu Mintoff.

Ġie ri-deċiż a benefiċċju tal-Kunsilliera neqsin li ssir diskussjoni oħra f'laqgħa urġenti b'dan l-item biss u l-Perit ikun preżenti fil-kamra. L-Avukat Brincat talab li jkun hemm iktar materjal fuq x'hiex isostnu d-deċiżjoni tagħhom. Kulħadd qabel.

43.3.2 ***Speed Survey Results***

Is-Sur Cordina spjega s-*survey* anness ma' dawn il-Minuti fil-forma ta' *power point presentation.* Qal li dan huwa l-istudju li sar minn Transport Malta wara t-talbiet li saru mill-Kunsill wara laqgħa li kellu ma' diversi persuni fosthom David Suttom u Svetlick Flores. L-pass li jmiss kien li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni formali biex issir *speed camera.* Dan il-pass sar u ntalab li jsiru *speed cameras.* Il-Perit Schembri propona li ssir *junction improvement* u titneħħa r-roundabout ta' quddiem Monte Carmeli li saret *venue* għad-*drifting*. Is-Sur Cordina qal li *drifting* qed isir ukoll f'Ta' Qali u ġew infurmati l-Pulizija, l-Lesa u Community Police. Is-Sur Cordina qal li iktar *worth it* li ssir camera bħal tal-Gzira li taqbad l-illegalitajiet. Il-Perit Schembri qal li dawn il-pjanċi qed jiġu mgħottija u kompla jgħid li meta kien ġie s-Sur Fredrick Azzopardi fil-laqgħa dwar is-Central Link kien wiegħed li xi forma ta' *traffic calming measures*

se jsiru żgur.  Is-Sur Bonnici qal li Triq l-Imdina m'hemmx sinjali ta' *speed limit* u hi l-itwal triq fiż-żona. Ittieħed notament ta' dan.

43.3.3 *Life Cycle*

Ressaq proposta tas-Sur Leslie Spiteri min-naħa ta' Life Cycle sabiex tingħata s-somma ta' €300 biex jinxtara apparat li bih ikun jista' jkompli jduru madwar id-dinja jiġbru fondi għar-renal unit.

## 43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

43.4.1 Ma kienx hemm interventi.

## 43.5 Parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Comune di Gela, Sicilia

43.5.1 Dan l-item ġie maqbuż u se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 43.6 Diskussjoni Ġieħ Ħ'Attard

43.6.1 Dan l-item ġie maqbuż u se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 43.7 Rapporti

43.7.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 43.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

43.8.1 Tiġdid tat-*Telework Agreement* tas-Sinjura Sammut.  Il-Kunsill Lokali fuq intervent mis-Sindku, l-Avukat Brincat u s-Sur Bartolo approva it-telework tas-Sinjura Sammut li bħalissa qed taħdem mill-Uffiċċju imma meta t-tfal ikunu ma jifilħux u jispiċċaw mill-iskola tkompli mid-dar. Dan fuq parir li ingħatalhom mis-Segretarju Eżekuttiv li qalet li dan mhux ixikkel bl-ebda mod il-ħidma tal-Kunsill.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

43.9.1 Il-pagementi ġew approvati u ffirmati mis-Sinjuri Remigio Bartolo u Victor Galea.

## 43.10 Mozzjonijiet; u

43.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 43.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.22pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' April 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 27  ta' April 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv